# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 14**

**Rikors numru 348/22/1 CFS**

**Danish Bakery Limited (C 7921)**

**v.**

**Roderick Bonnici**

1. L-attriċi intavolat din il-kawża kontra l-konvenut sabiex huwa jiġi ordnat iħallas is-somma ta' €47,405.82 li hija tgħid tirrappreżenta bilanċ minn ammonti ikbar dovuti lilha bħala ħlas għall-merkanzija, ossia ħobż u ħelu varju, mibjugħ u konsenjat minnha lill-konvenut kif miftiehem bejniethom.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè bid-dispensa tas-smigħ;
>
> 2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u ħames Euro u tnejn u tmenin ċentezmu (€47,405.82) dovuta kif fuq ingħad.
>
> Bl-ispejjeż, inkluż tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-imgħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa inġunt għas-subizzjoni."

3. Il-konvenut naqas milli jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fiż-żmien prefiss u għalhekk l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża mingħajr smigħ kif mitlub mill-attriċi.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Lulju 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> i. Tilqa' l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u
>
> ii. Tilqa' t-tieni talba tal-kumpannija attriċi u b'hekk tikkundanna lil Roderick Bonniċi jħallas lil Danish Bakery Limited is-somma ta' €47,405.82, bl-imgħax bit-8% fis-sena, li jibda għaddej skont id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-ħlas effettiv;
>
> Tordna wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, magħdud magħhom l-ispejjeż dwar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, jitħallsu kollha kemm huma minn Roderick Bonniċi."

5. Il-konvenut ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-10 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-

sentenza appellata billi tiddikjara li s-sentenza appellata hija nulla u b'hekk tordna li l-atti kollha għandhom jerġgħu jiġu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti għas-smigħ mill-ġdid tagħhom jew tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. Is-soċjetà attriċi ppreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fil-21 ta' Ottubru 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-konvenut appellat u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti *ex officio* irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha permezz ta' liema kienet awtorizzatu biex idaħħal ir-risposta ġuramentata tiegħu entro għoxrin ġurnata u minflok irrivertiet lura għat-talba oriġinali tal-attriċi u ċioè sabiex taqta' l-kawża mingħajr smigħ meta din it-talba kienet diġà ġiet miċħuda. Jargumenta li ladarba l-Ewwel Qorti tat permess biex il-kawża tiġi mismugħa fil-kors ordinarju tagħha ma setgħetx tirriverti lura minn dak id-digriet iżda *semmai* tisma' l-provi tal-attriċi bil-fakultà li huwa

jingħata ċ-ċans jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu. Skont l-appellant l-Ewwel Qorti ma mxietx korrettement mat-test legali u addottat proċedura żbaljata u dan iġib in-nullità tas-sentenza appellata.

8. Is-soċjetà appellata twieġeb li d-digriet in kwistjoni huwa wieħed interlokutorju u dan peress li ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet, u ċioè l-kontroversja miġjuba fil-kawża proprja, iżda jirregola biss l-andament tal-kawża. Targumenta li għalhekk id-digriet in kwistjoni seta' jiġi revokat *contrario imperio* mill-Ewwel Qorti, anke *ex officio.* Issostni li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-appellant ma kienx sinċier meta qalilha li kellu eċċezzjonijiet xi jressaq u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġuni valida sabiex titbiegħed mid-digriet tagħha, u hija din l-eżistenza ta' raġuni valida li hija l-unika rekwiżit sabiex il-Qorti tkun tista' tirrevoka digriet mogħti minnha.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "17. Minn meta twettqet in-notifika, Roderick Bonniċi ma ressaq l-ebda nota biex jattakka r-regolarità tal-proċedura li trid juża' l-kumpannija attriċi biex tinqata' din il-kawża. Barra minn hekk, għalkemm il-konvenut ġie mogħti l-jedd li jressaq risposta maħlufa skont il-verbal tat-23 ta' Mejju, 2022 ħalli l-kawża titmexxa b'mod ordinarju, huwa ma nqediex b'din l-opportunità. Dan il-fatt jagħti x'jifhem lill-qorti li l-konvenut ma kienx sinċier meta fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2022 qal lill-qorti li huwa kellu eċċezzjonijiet xi jressaq. Li kieku huwa kellu tabilħaqq eċċezzjonijiet xi jressaq huwa kien jippreżenta r-risposta maħlufa;
>
> 18. Kien sewwasew għalhekk li l-qorti rrevokat id-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2022 u reġgħet dawret lura dawn il-proċeduri għall-proċediment sommarju. Tassew, in-nuqqas tal-konvenut li

> jressaq ir-risposta maħlufa tikkonfema li huwa m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq biex jikkontesta t-talbiet attriċi;
>
> 19. Għalhekk f'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi, hekk kif jgħid u jrid l-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi talbet li l-kawża intavolata minnha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, wara li ddikjarat li safejn taf hi l-konvenut m'għandu l-ebda difiża x'jagħti kontra l-pretensjoni tagħha. Fl-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti, u ċioè tat-23 ta' Mejju 2022 deher il-konvenut assistit mill-avukat tiegħu li ddikjarat li l-konvenut kellu eċċezzjoni x'jagħti stante li parti mill-ammont reklamat mill-attriċi huwa allegatament dovut minn terza persuna li minn Novembru 2021 kien daħal fiż-żarbun tal-konvenut u kien qiegħed jieħu l-merċa waqt li l-fatturi baqgħu jgħajtu lill-konvenut, minkejja li huwa kien għarraf lir-rappreżentant tal-attriċi Joseph Mifsud, li huwa kien għadda n-negozju tiegħu li dan it-terza persuna. In vista ta' dan l-Ewwel Qorti ddegretat li l-konvenut kien irnexxielu jikkonvinċiha li għandu eċċezzjoni *prima facie* skont l-Artikolu 170 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jopponi t-talbiet attriċi u għalhekk awtorizzatu jdaħħal ir-risposta tiegħu fi żmien għoxrin ġurnata minn dakinhar. Fis-seduta li kien imiss, li seħħet fit-12 ta' Lulju 2022, il-konvenut deher mhux assistit u rriżulta li r-risposta tiegħu

baqgħet ma daħlitx. L-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tirrevoka d-digriet mogħti minnha fit-23 ta' Mejju 2022 u ddikjarat li kienet ser taqta' l-kawża mingħajr smigħ kif mitlub mis-soċjetà attriċi fl-ewwel talba tagħha, u għaddiet biex tagħti s-sentenza dakinhar.

11. Din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konvenut appellant li fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2022 l-Ewwel Qorti ma kinitx għadha f'pożizzjoni li tordna li l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ. Ġaladarba fit-23 ta' Mejju 2022 l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-proċeduri kellhom jieħdu l-kors ordinarju tagħhom u awtorizzat lill-konvenut jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu, l-Ewwel Qorti ma setgħatx imbagħad tiddeċiedi li tirriverti lura għall-proċedura sommarja meta l-konvenut naqas milli jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu. Ir-riperkussjonijiet għan-nuqqas ta' preżentata tar-risposta maħlufa mill-konvenut huma kontemplati espressament fil-liġi, u ċioè d-dikjarazzjoni li l-konvenut jinsab fi stat ta' kontumaċja bil-konsegwenti inabilità li jressaq provi. Għalhekk, ladarba l-leġislatur stabbilixxa r-riperkussjonijiet għan-nuqqas ta' preżentata ta' risposta maħlufa entro terminu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-poter li tistabbilixxi hi riperkussjoni differenti minn din. Dan speċjalment ikkonsidrat li skont il-liġi l-kontumaċja tista' tiġi spurgata jekk ikun jirriżulta sodisfaċentement lill-Qorti li l-konvenut naqas milli jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu *entro termine* minħabba raġunijiet validi u indipendenti mill-volontà tiegħu. Apparti minn dan, konvenut kontumaċi ngħata d-dritt mill-

leġislatur li jippreżenta s-sottomissjonijiet finali tiegħu. B'hekk il-leġislatur mhux biss stabbilixxa konsegwenzi serji għall-kontumaċja tal-konvenut iżda wkoll rimedju għall-istess konvenuti f'każ li dik il-kontumaċja kienet ġustifikata, u dritt għall-konvenut li jkollu l-opportunità li jsemma' leħnu fil-proċeduri jekk ikun irid billi jagħmel sottomissjonijiet finali. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ladarba l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu, meta mbagħad irriżulta li din ir-risposta ma kinitx ġiet preżentata l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonverti l-proċeduri lura fi proċeduri sommarji, iżda setgħet biss tiddikjara lill-konvenut kontumaċi. Ma jirriżulta xejn fil-liġi li joħloq il-possibbiltà li konvenut jista' jiġi mċaħħad mill-garanziji proċedurali li l-leġislatur għamel disponibbli għall-konvenut kontumaċi, u għalhekk l-appellant ukoll igawdi minn dawn il-garanziji minkejja li dawn il-proċeduri għall-ewwel bdew bħala proċeduri sommarji.

12. Għalhekk il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun li s-sentenza appellata hija aflitta minn nullità u għaldaqstant l-ewwel aggravju tiegħu qiegħed jiġi milqugħ. Minħabba li, b'effett ta' dan, il-Qorti se tħassar is-sentenza appellata, ma huwiex il-każ li tgħaddi biex tistħarreġ ukoll it-tieni aggravju.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tiddikjara s-sentenza appellata nulla, u konsegwentement

tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex ikompli l-ismigħ tal-kawża fl-istat li kienet tinsab fih qabel ma ngħata d-digriet tat-12 ta' Lulju, 2022, bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr